F 41005O


# il-Gżejjer

It-Tnax-il Sena 5/83


## BUDGET 1984: IS-SENA TAT-TISħIħ

**"Il-Budget li qed inressaq illum quddiem il-Kamra tar-Rappreżentanti juri l-istrateġija għaqlija li għażilna ta' konsolidazzjoni tas-sisien ta' l-ekonomija li ser jirriżulta f'qawmien li jiġġustifika li nsejħu s-sena l-1984 "is-Sena tat-Tisħiħ".**

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi u Dwana, is-Sur W. Abela



Il-President is-Sinjorina Agatha Barbara tiffirma l-Estimi

- **Nefqa totali ta' Lm227.2 miljuni**
- **Trażżin u iżjed roħs fil-prezzijiet ta' oġġetti essenzjali**
- **Żidiet għal pensjonanti romol**
- **Żidiet fis-ceiling ta' l-income tax**
- **Tkompli l-'freeze' fuq il-pagi biex il-prodott Malti jibqa' kompetittiv**
- **Investiment fi proġetti kbar għall-ħolqien ta' aktar impiegi**
- **Budget ieħor bla taxxi**

# BUDGET 1984

"Il-politika finanzjarja u fiskali tal-Gvern fl-1984 għandha l-għan li tħeġġeġ u tmexxi 'l quddiem ix-xejra tajba li ħadna u għaldaqstant se tkun imfassla fuq dawn il-prijoritajiet:

"**L-ewwelnett** huwa meħtieġ li ntejbu l-proċeduri u **nżidu l-kontrolli meħtieġa** fl-Amministrazzjoni biex **fejn nistgħu nonfqu inqas u nipproduċu aktar** u l-pajjiż **ma jitgħabbiex bi spiża rikorrenti żejda** li ma nifilħux għaliha.

"**It-tieni** ser nisħqu ħalli nżidu d-dħul billi nużaw il-mezzi kollha li tagħti l-liġi ħalli ma nħallu 'l ħadd jaħrab milli **jħallas fil-ħin it-taxxa li obbligat iħallas** u ser nagħmlu ħilitna biex il-mostru **tal-kuntrabandu** ma nħalluhx jerġa' jerfa' rasu. B'hekk ma jkollnix għalfejn naqgħu biex inżidu aktar taxxi li jistgħu jgħabbu u jkunu ta' tfixkil għall-progress ekonomiku ta' pajjiżna.

"**It-tielet** huwa mportanti li nkomplu **nżommu l-pagi stabbli** u fejn nistgħu **nbaxxu l-prezzijiet ħalli** l-prodotti ta' l-industriji tagħna jkunu jistgħu jikkompetu fis-swieq internazzjonali.

"**Ir-raba'** beħsiebna nkomplu nonfqu dak kollu li hu meħtieġ f'investiment dirett fil-proġetti kbar u ambizzjużi li qed inwettqu u b'hekk qed nifthu t-triq għal aktar investiment produttiv ġo pajjiżna.

"**Il-ħames** ngħassu u nsaħħu r-riservi finanzjarji li bnejna, li jridu jagħmlu tajjeb għal finanzjar ta' l-iżvilupp għas-snin li ġejjin."

## *Qagħda Ekonomika 1983*

"Minnu li f'xi oqsma ma morniex tajjeb kemm xtaqna. Iżda minnu wkoll li f'oqsma oħra morna tajjeb u ġeneralment pattejna għal dan in-nuqqas. U jekk nieħdu dawn iż-żewġ kurrenti flimkien, insibu li hemm sinjali ċari li issa **l-eqqel tat-tempesta għadda minn fuqna u l-ekonomija tagħna ġa bdiet tistejqer u qed tieħu r-ruħ mill-ġdid.**

"Dan qed jiġri fi żmien meta anki l-pajjiżi sinjuri ta' l-Ewropa tal-Punent — li, kif jaf kulħadd, magħhom l-ekonomija tagħna għandha rabtiet mill-qrib — qed jitħabtu biex bil-mod il-mod jirnexxilhom joħorġu mill-għawġ ekonomiku li ħakimhom f'dawn l-aħħar snin."

## *Kummerċ*

"Fil-qasam tal-kummerċ barrani nsibu li sew l-importazzjoni kif ukoll l-esportazzjoni tbaxxew. L-importazzjoni niżlet bi Lm8.4 miljuni.

"L-esportazzjoni totali fl-ewwel disa' xhur ta' din is-sena wriet tnaqqis ta' Lm10.8 miljuni. Jidher iżda (minn informazzjoni miġbura dwar il-livell ta' esportazzjoni mid-ditti tal-manifattura) li l-aktar tnaqqis ġara matul l-ewwel nofs ta' din is-sena u li **bejn Lulju u Settembru l-esportazzjoni żdiedet jekk wieħed iqabbilha ma' l-esportazzjoni bejn l-istess tliet xhur tas-sena li għaddiet.**

"Minbarra dan l-industrji Maltin qed jirnexxilhom iżidu l-bejgħ tal-prodotti tagħhom f'pajjiżna stess. Dan juri kemm hi ta' fejda l-politika tal-Gvern Soċjalista Malti li jikkontrolla l-importazzjoni ta' dawn l-oġġetti li jistgħu jsiru Malta.

"Għandu jsir sforz ikbar biex il-poplu jitħajjar jixtri iżjed prodotti Maltin. Fl-istess waqt, għandna niżguraw li l-prodotti lokali jkunu dejjem ta' kwalità tajba, u jinbiegħu bi prezzijiet raġonevoli biex il-vantaġġ li qed nagħtu lill-produtturi lokali ma jservix ta' detriment għall-poplu Malti u Għawdxi."

"B'dan iċ-ċaqliq, l-iżbilanċ kummerċjali baqa' tista' tgħid bħalma kien fl-1981 u 1982 minkejja li, kif ġa għidt, kellna qabża kbira fl-importazzjoni ta' aktar minn Lm20 miljun minħabba l-ajruplani ġodda ta' l-AirMalta.

"Il-bilanċ tal-pagamenti fl-ewwel disa' xhur ta' din is-sena wkoll għandu jqawwilna qalbna għax, minkejja l-Lm20 miljun ta' l-AirMalta, xorta waħda spiċċajna l-ewwel disa' xhur ta' din is-sena b'bilanċ ta' Lm2.6 miljuni fil-Kont Kurrenti — ħaġa li lanqas il-pajjiżi sinjuri u industrijalizzati ta' l-OECD ma rnexxielhom jaslu għaliha għax dawn il-pajjiżi kollha flimkien jidher li se jispiċċaw din is-sena b'deficit fil-Kont Kurrenti tagħhom.

## *Qagħda u Prospetti Monetarji*

"Il-kummerċ ta' Malta ma' barra kien il-fattur li għen l-aktar biex jikbru l-assi monetarji matul l-1983. Huwa ta' sodisfazzjon kbir għalina li, waqt li saħansitra ħafna mill-aktar pajjiżi żviluppati qed isofru deficit fil-bilanċ tal-pagamenti, pajjiżna b'sagrifiċċji meqjusa kompla jgawdi bilanċ favorevoli ma' barra.

"Dan ifisser illi Malta, minkejja l-problemi serji li kellha tħabbat wiċċha magħhom, minħabba r-riċessjoni, **mhux biss irnexxielha taqla' biżżejjed flus minn barra, biex tlaħħaq ma' l-ispejjeż kbar għaxxiri ta' ikel, materja prima, makkinarju, servizzi li jiġu minn barra, kif ukoll l-ajruplani għal-linja ta' l-ajru nazzjonali, iżda wkoll irnexxielha tkompli żżid u tkabbar ir-riservi barranin tagħha.** Fil-fatt, fl-ewwel disa' xhur ta' din is-sena, ir-riservi uffiċjali ta' Malta telgħu b'aktar minn Lm27 miljun.

"Barra minn hekk, aktar minn Lm10 miljuni millassi ta' diversi fondi uffiċjali huma nvestiti barra. Il-biċċa l-kbira ta' dawn l-assi barranin huma tal-Fond għall-Posterità li l-Gvern Soċjalista, għax ħaseb fil-bogħod, kien waqqaf fl-1981 biex jikkontribwixxi għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali ta' pajjiżna.

"Mar-riservi uffiċjali, wieħed irid iżid ukoll l-assi netti barranin tal-kumplament tas-sistema bankarja, li jammontaw għal madwar Lm43 miljuni.

## *Il-valur stabbli tal-Lira Maltija*

"Kif intqal fil-Budget tas-sena l-oħra, aħna dejjem emminna li l-aħjar triq għal pajjiżna għandha tkun dik li nżommu l-valur tal-Lira Maltija stabbli kemm jista' jkun biex nilqgħu kontra l-effetti ħżiena ta' l-inflazzjoni barranija u b'hekk inrażżnu l-għoli tal-ħajja f'pajjiżna u nipproteġu l-livell tal-għixien tal-poplu tagħna."

## *Riservi*

"L-istess ħaġa nistgħu ngħidu dwar is-saħħa tar-riservi totali barranin. Dawn ukoll irnexxielna nkomplu nżiduhom matul dawn id-disa' xhur u sa l-aħħar ta' Settembru ta' din is-sena kienu jammontaw għal Lm518.6 miljuni.

"Bħalma għidt fil-bidu, **fuq ix-xefaq ġa qed jidhru sinjali ċari li l-ekonomija tagħna bdiet tistejqer.** B'hekk meta jikber il-fejqan ekonomiku internazzjonali, aħna wkoll ikollna ekonomija mill-ġdid fuq saqajha, lesta biex tidħol għal attivitajiet ekonomiċi ġodda li jkabbru l-ġid tal-pajjiż u b'hekk ngħollu aktar il-livell ta' l-għixien tal-poplu Malti kollu."

## *Roħs fil-Prezzijiet*

"Permezz tal-ħidma kontinwa tal-Gvern Soċjalista, kien hemm roħs fil-prezzijiet matul l-ewwel disa' xhur ta' din is-sena. Il-qofol ta' l-istrateġija ekonomika tal-Gvern matul dawn ix-xhur kien li l-prezzijiet fl-1983 jibqgħu marbutin ma' dawk tassena ta' qabel u, **sa fejn hu possibbli, jorħsu wkoll.**

"Fl-ewwel disa' xhur ta' l-1983 l-Indiċi tal-Prezzijiet bl-Imnut niżel minn 186.51 punti għal 181.79 punti, jiġifieri niżel b'kollox 4.72 punti jew inkella 2.6 fil-mija. Ta' min isemmi li l-prezz medju ta' l-affarijiet ta' l-ikel bejn Jannar u Settembru ta' din is-sena kien madwar 0.8 fil-mija **aktar baxx mill-prezz medju ta' l-istess xhur tas-sena li għaddiet.**

"**Fl-1984 ukoll biħsiebna nagħmlu l-almu tagħna kollu ħalli ma nħallux li togħla l-ħajja. Ser inraħħsu ħafna oġġetti ta' l-ikel, ser inkomplu ngħassu l-prezz tal-ħaxix, tal-frott u tal-ħut bissistema preżenti u nżommu kontroll kontinwu fuq il-prezzijiet ta' ħwejjeġ oħra.**

# BUDGET 1984

### PREZZ TAl-HALIB

"Mill-ewwel tas-sena d-dieħla l-prezz tal-ħalib pastorizzat ser jonqos minn 12c5 għal 12-il ċenteżmu l-flixkun. Dan ir-roħs ser ikun possibbli għaliex ser niżguraw li jonqsu l-ispejjeż tal-produzzjoni ta' l-Impriża tal-Halib biex is-somma ta' Lm200,000 li ser tiswa din il-miżura li ħabbart, tkun tista' tiġi ffinanzjata direttament mill-istess Impriża.

"Sadanittant il-programm ta' modernizzar tal-makkinarju u tagħmir ieħor ta' l-Impriża għall-Bejgħ tal-Halib ser jitkompla fl-1984 b'nefqa ta' Lm50,000."

### PREZZ TA' OĠĠETTI OHRA TA' L-IKEL

"B'effett mill-1 ta' Jannar ser jorħos il-prezz ta' kwantità ta' oġġetti mportati mill-Bulk Buying Division.

"Ser inraħħsu, u ser inraħħsu sostanzjalment, f'ċerti każi anki b'10 fil-mija, dawn l-oġġetti:—

| OĠĠETT | | PREZZ BL-IMNUT: PREŻENTI | PREZZ BL-IMNUT: PREZZ MIT-2 TA' JANNAR 1984 | ROHS |
|---|---|---|---|---|
| | | Lm | Lm | Lm |
| Ċanga (tal-friża) | Kilo | 1.43 | 1.30 | .13 |
| Majjal (frisk) | Kilo | 1.18 | 1.15 | .03 |
| Corned Beef (tal-kwart) | Kilo | 1.20 | 1.10 | .10 |
| Corned Beef (landa ta' 340 grammi) | | 0.41 | 0.38 | .03 |
| Corned Beef (landa ta' 198 grammi) | | 0.30 | 0.28 | .02 |
| Perżut (tal-kwart) | Kilo | 1.43 | 1.30 | .13 |
| Luncheon Meat (landa ta' 198 grammi) | | 0.16 | 0.14 | .02 |
| Luncheon Meat (landa ta' 340 grammi) | | 0.26 | 0.23 | .03 |
| Luncheon Meat (tal-kwart) | Kilo | 0.64 | 0.58 | .06 |
| Tuna (landa ta' 100 grammi) | | 0.21 | 0.19 | .02 |
| Ġobon Cheddar | Kilo | 0.86 | 0.80 | .06 |
| Zokkor | Kilo | 0.17 | 0.15 | .02 |
| Kafè (Instant) (landa ta' 750 grammi) | | 3.65 | 3.35 | .30 |
| Kafè (Instant) (landa ta' 200 grammi) | | 0.92 | 0.90 | .02 |
| Kafè (Instant) (landa ta' 100 grammi) | | 0.47 | 0.46 | .01 |
| Kafè (Instant) (landa ta' 50 grammi) | | 0.25 | 0.24 | .01 |
| Halib tal-Bott (landa ta' 410 grammi) | | 0.18 | 0.17 | .01 |

"Dawn huma kollha prodotti li l-Malti jikkonsma ħafna hu x'inhu l-livell soċjali tiegħu, imma l-iżjed il-ħaddiema.

"Dan ir-roħs fil-prezzijiet ser jiswa qrib il-Lm1.5 miljuni. M'aħniex ser inraħħsu iżjed għax, meta qegħdin ngħixu f'dinja ta' taqlib, irridu nħallu marġni tajba għal li jista' jinqala'. Per eżempju: **nistennew li l-qmuħ jogħlew u jkollna nissussidjawhom biex ma jogħliex il-prezz tal-ħobż u ta' l-ikel tat-tjur u l-bhejjem, għax kieku nħalluħ jogħla jkollhom jogħlew il-prezzijiet tal-prodotti li nieħdu mit-tjur u l-bhejjem.**"

## Bulk Buying u Price Stabilization Fund

"Għadna ta' sikwit naqraw u nisimgħu kummenti fuq is-sistema tal-Bulk Buying — xiri bil-kwantità — li ilu jħaddem il-Gvern permezz tad-Dipartiment tal-Kummerċ sa mill-1979.

**"Illum, iżjed minn qabel, qiegħed jidher kemm din il-kritika hija bla bażi. Bis-saħħa tal-Bulk Buying mhux biss żammejna l-pajjiż fornut tajjeb b'oġġetti essenzjali għall-poplu tagħna, imma rnexxielna nixtru bl-orħos prezzijiet possibbli.**

"Dan għamilnih billi xtrajna bil-kwantità, billi xtrajna direttament aħna minn barra, billi konna flessibbli, għajnejna miftuħin beraħ għal dak li qed jiġri fid-dinja, għall-aħjar mument li tixtri, u għall-aħjar kundizzjonijiet possibbli.

"Bis-saħħa ta' din is-sistema għadd ġmielu ta' prodotti baqgħu bi prezz fiss għal snin sħaħ u oħrajn roħsu. Dan stajna nagħmluh billi waqqafna u ħaddimna **Price Stabilization Fund**.

"Il-prinċipju ta' dan il-Fond huwa sempliċi, imma ta' tifsira kbira. Dan hu li minn xiriiet li minnhom nistgħu nwarrbu xi ħaġa, nibnu Fond, li mbagħad niġbdu minnu biex nissussidjaw dawk il-prodotti li jogħla l-prezz tagħhom u b'hekk dejjem ikollna prezzijiet stabbli. Bis-saħħa tal-**Price Stabilization Fund** kien possibbli li nraħħsu l-prezzijiet ta' l-oġġetti essenzjali mportati mill-Bulk Buying Division.

**"Kien possibbli wkoll li ngħinu — b'miljun Liri Maltin — lill-Korporazzjoni Enemalta biex setgħet traħħas hija wkoll il-prezz ta' l-enerġija.**

"Kif għidt, issir ħafna kritika dwar kif jitħaddem il-**Price Stabilization Fund**. Fost kollox, isiru ħafna insinwazzjonijiet dwar kemm hemm fih.

"Kif jidher, wara li mill-Fond ħarġu miljun Liri Maltin għall-EneMalta, fl-aħħar ta' din is-sena ser jispiċċa f'idejna bilanċ favorevoli ta' madwar Lm4.5 miljuni. **Dan l-ammont, skond il-prinċipju bażiku tal-Price Stabilization Fund, qiegħed hemm biex jintuża għall-ġid tal-poplu."**

## Dħul 1984

"Mit-tagħrif li diġa' tajt lill-Kamra jirriżulta li fl-1984 in-nefqa totali tal-Gvern se tilħaq Lm227.2 miljuni. Huwa d-dmir ta' kull Gvern għaqli li jara li l-infiq li jipproponi jkun finanzjat minn dak li jkun ser idaħħal. B'hekk jiġi evitat żbilanċ li jkun ta' piż fuq il-poplu.

"Quddiemna għandna żewġ toroq li kull waħda minnhom twassalna biex nilħqu dan il-għan:

- L-ewwel u l-eħfef triq, hi li wieħed iżid it-taxxi jew li jnaqqas il-benefiċċji soċjali kif għamlu pajjiżi ferm akbar minna.
- It-triq l-oħra hi li jittieħdu miżuri li bihom tipproduċi aktar bi flus anqas u li żżid l-effiċjenza fil-għbir ta' dak li għandu jidħol — l-aktar fejn jirrigwardja d-dħul ta' taxxi — u b'hekk jiġi żgurat li kulħadd joħroġ sehmu.

**"Għas-sena d-dieħla l-Gvern Soċjalista għażel it-tieni triq u ser jagħmel l-almu kollu sabiex jiżgura li l-għejjun fiskali li jeżistu jirrendu dak kollu possibbli.**

"Id-dħul totali s-sena d-dieħla mistenni li jkun madwar Lm228.2 miljuni li minnhom l-akbar somma ta' Lm177.0 miljuni se tinġabar mill-għejjun fiskali ewlenin fosthom l-**income tax** u d-**dwana**.

"Ser ikollna Lm22.5 miljuni minn qligħ fuq numru ta' nvestimenti:

(a) f'industriji parastatali;
(b) tal-Fond Konsolidat;
(ċ) tal-Posterity Fund; u
(d) tal-Bank Ċentrali.

"Lm8.7 miljuni se jidħlu mill-kontribuzzjoni tal-

## BUDGET 1984

Korporazzjonijiet pubbliċi għall-iffinanzjar tal-'Capital Programme'.

"Il-bqija — madwar Lm20 miljun — huma għotjiet u self bla imgħax jew b'imgħax baxx li rnexxielna niksbu bis-saħħa tar-relazzjonijiet tajba li għandna ma' pajjiżi barranin.

### INCOME TAX

**"Mit-Taxxa fuq id-Dħul nistennew li fl-1984 indaħħlu madwar Lm48 miljun. Hawnhekk nixtieq nagħmilha ċara li l-Gvern Soċjalista huwa determinat li jagħmel il-ġbir ta' din it-taxxa iżjed effettiv bl-użu ta' metodi li jiżguraw li l-arretrati jitħallsu mingħajr dewmien bla bżonn.**

### DWANA

**"Mhux sew li wara dawn l-isforzi kollha ikun hemm min b'xi mod jew ieħor jaħrab milli jħallas dazju. Il-Gvern biħsiebu jintensifika l-isforzi tiegħu ħalli jara li dan ma jiġrix."**

## *Bank tal-Gvern*

"Mill-ewwel ta' Jannar, 1984, il-Bank tal-Gvern mhux ser jaċċetta depożiti iżjed. Id-depożitanti kollha ser ikunu mitluba biex jagħżlu huma fejn iridu li jittrasferixxu id-depożiti tagħhom minn dan il-bank. Il-kontijiet kollha jkunu jistgħu jiġu trasferiti meta d-depożitant irid, fil-Mid-Med Bank jew il-Bank of Valletta, basta dan jagħmlu fi żmien l-ewwel sitt xhur tas-sena 1984. Jekk imbagħad id-depożitant jonqos li jagħmel dan, id-depożiti tiegħu jiġu trasferiti f'ismu f'wieħed minn dawn iż-żewġ banek. Depożiti ta' wirt, interdizzjoni u minuri li jkunu għadhom jeżistu/depożitati fil-Bank jiġu trasferiti f'wieħed minn dawn iż-żewġ banek taħt l-istess kundizzjonijiet prevalenti.

## *Tnaqqis fit-Taxxa*

"Il-liġi dwar it-Taxxa tad-Dħul ser tkun emendata biex it-tnaqqis personali tat-Taxxa dwar id-Dħul, jiġifieri s-somma li fuqha ma titħallasx taxxa, ser togħla b'Lm20 għal ġuvni jew xebba u bi Lm30 għal koppja miżżewġa. Dan ifisser li issa dan it-tnaqqis għal ġuvni/xebba ser jogħla minn Lm710 għal Lm730 u għall-miżżewġin minn Lm1,200 għal Lm1,230.

"Barra minn hekk, il-Liġi ser tiġi emendata wkoll biex ikunu ħielsa mit-taxxa l-ewwel Lm18 tat-total ta' l-imgħaxijiet fuq depożiti fissi għal sena, li jkunu qegħdin f'isem it-taxpayer u/jew f'isem il-mara u t-tfal dipendenti tiegħu f'dawk il-banek li fihom il-Gvern għandu aktar minn 60 fil-mija ta' l-ishma.

## *Impiegi*

**"Fil-qasam ta' l-impiegi jidher ukoll li l-agħar issa għadda minn fuqna.** Fl-aħħar ta' Settembru li għadda kellna b'kollox 111,113-il ħaddiem jaħdmu (gainfully occupied) li minnhom 83,856 kienu rġiel u 27,257 nisa. Dan kien ifisser żieda ċkejkna iżda nkuraġġanti ta' 626 ħaddiema fuq l-aħħar ta' Diċembru ta' l-1982. U li għandu jimlina aktar bil-kuraġġ huwa l-fatt li din iż-żieda ġrat wara, li bejn Jannar u Diċembru tas-sena li għaddiet, kienu ntilfu b'kollox mhux inqas minn 4,674 impieg. Fil-qasam tal-manifattura f'Settembru, kien hemm 29,384 ħaddiem: jiġifieri minn kull 100 ħaddiem, madwar 26 kienu qed jaħdmu f'dan is-settur ewlieni.

**"F'dawn l-aħħar ftit xhur tbaxxa wkoll l-għadd ta' nies jirreġistraw għax-xogħol.** F'Marzu li għadda, taħt l-ewwel u t-tieni parti tar-reġistru kien hemm b'kollox 11,626 ħaddiem. Wara Marzu, iżda, l-għadd ta' nies qiegħda beda nieżel sakemm wasal għal 10,720 fl-aħħar ta' Settembru — differenza ta' 906 ħaddiem. Ir-rata tal-qgħad f'Settembru għal-hekk kienet ta' 8.8 fil-mija. Waqt li f'Settembru rġiel jirreġistraw għax-xogħol kien hemm b'kollox 8,182; nisa qiegħda b'kollox kien hemm 2,538."

## *Pagi*

"Permezz tat-tnaqqis sostanzjali li semmejt fil-prezzijiet ta' l-oġġetti essenzjali u miżuri oħra ta' kontroll li ser inkomplu nwettqu biex inrażżnu l-inflazzjoni u nbaxxu l-għoli tal-ħajja, ser inkunu nistgħu nevitaw żidiet fil-pagi u spejjeż oħra tal-produzzjoni ta' l-industriji tagħna u b'hekk ngħinu l-esportazzjoni.

"Għalhekk biħsiebna nżommu l-'freeze' tal-pagi għal sena oħra, sakemm il-fejqan li ġa beda ta' l-ekonomija tagħna jkun sħiħ, u l-iżvilupp ta' pajjiżna jerġa'; jibda jimxi bir-ritmu ta' qabel.

**"Il-ħaddiema jafu li dan qed nagħmluh, l-ewwel, għaliex nafu li mhux ser inaqqas bl-ebda mod il-livell tal-għixien tal-poplu tagħna, u t-tieni, għaliex kif kulħadd jifhem, huwa xieraq li tingħata prijorità għall-miżuri meħtieġa biex ikompli jitnaqqas il-qgħad.**

**"Illum imkien f'pajjiżna ma għadek tara l-għaks jew il-faqar. Dan kollu qerdu l-Gvern Soċjalista bil-ħidma kbira li wettaq tul dawn l-aħħar snin.** Illum tista' tgħid li l-Maltin kollha, ġejjin mil-liema raħal jew belt ġejjin, jieklu tajjeb, igħixu tajjeb u jgawdu kundizzjonijiet tal-għixien li jħabbtuha tajjeb ma' pajjiżi aktar żviluppati minna. It-titjib kontinwu fil-kwalità tal-ħajja li ngħixu, titjib li anke din is-sena gawdejna minnu, hu xi ħaġa li naraw madwarna b'għajnejna u mmissu b'idejna — xi ħaġa li ħadd ma jista' jmeriha."

## *Edukazzjoni*



**Edukazzjonmi Teknika**

"Fl-1984 l-edukazzjoni se tkompli tingħata l-importanza xierqa u kbira li jistħoqqilha biex insaħħu r-riformi kbar li wettaq Gvern Soċjalista f'dan il-qasam, kif ukoll biex imkomplu nimxu 'l quddiem u ngħollu l-livelli li diġà lħaqna. Għal dan il-għan, in-nefqa għas-sena d-dieħla se tkun ta' madwar Lm16.4 miljuni, u dan wara li teskludi l-ispiża ta' Lm629,000 fuq il-Kindergartens li se jkunu mmexxija mill-Ministeru tax-Xogħol u Servizzi Soċjali.

"Din in-nefqa tkompli twettaq, fost ħwejjeġ oħra, l-għan tal-Gvern tal-Haddiema li jfassal l-Edukazzjoni biex bir-riformi li saru kemm fl-iskejjel sekondarji, sekondarji għolja, tekniċi u fl-Università llum tilħaq id-daqs u l-ħtiġijiet ta' l-iżvilupp tal-pajjiż.

"Fil-livell sekondarju, il-Junior Lyceums taw prova ta' suċċess u stabbilew irwieħhom bħala skejjel ta' tagħlim għoli. Huwa mistenni li fi ftit żmien ieħor dawn l-iskejjel ikunu jistgħu jdaħħlu madwar 600 student kull sena."

## Saħħa



L-istess livell ta' kura li wieħed isib fi sptarijiet ta' pajjiżi sinjuri aktar minn Malta

"Taħt il-Vot tas-Saħħa qed nipprovdu ma' l-Lm20 miljun. Is-sena d-dieħla biħsiebna nkomplu bit-titjib fis-Servizzi tas-Saħħa. Se niżguraw li s-servizzi fil-komunità jibqgħu dejjem jiżdiedu biex il-poplu jkun jista' jibbenefika iktar minn faċilitajiet ta' kura minn speċjalisti, 'general practitioners', nurses, midwives, li qed isaħħu l-kuntatt dirett mal-poplu fil-Polikliniċi, kliniċi u saħansitra fid-djar. Huwa maħsub li s-sena li ġejja jkun hemm jaqdu lill-pubbliku, Polikliniċi ġol-Furjana, il-Mosta, ir-Raħal Ġdid u l-Gżira. B'hekk jonqos l-iffullar fl-'Outpatient Block' ta' l-Isptar San Luqa. Ta' min isemmi wkoll l-espansjoni u l-iżvilupp li saru u mistennija jsiru fid-diversi Dipartimenti ta' l-Isptar. B'dan it-titjib fis-servizzi l-pazjent se jkollu l-istess livell ta' kura li jsib fi sptarijiet sinjuri aktar minna.

"Lm400,000 ser jintefqu f'xiri u stallazzjoni ta' apparat ta' l-'X-Ray'. Dis-somma mistennija tinkiseb bħala għotja mingħand il-Kommunità Ewropeja. Madwar Lm0.2 miljun imur fuq xogħlijiet fis-swali u fid-dipartiment ta' l-'Out Patients' ta' l-Isptar San Luqa u fuq xogħlijiet oħra fl-Isptarijiet Mount Carmel, Has-Serħ u Craig. Spiża oħra ser tmur fuq xiri ta' tagħmir għall-isptarijiet.

"Ma' dawn ix-xogħlijiet u xiri ta' tagħmir li qed insemmu, wieħed għandu jsemmi wkoll l-għotja ta' tagħmir sofistikat magħruf bħala 'Scanner' mir-Renju ta' l-Arabja Sawdija, li jqum Lm616,000. **Dan it-tagħmir ġdid u modern fl-Isptar San Luqa ser igħin mhux ftit biex ikomplu jitjiebu s-servizzi tas-saħħa li l-Gvern Soċjalista qed joffri lill-Poplu."**

## Telekomunikazzjonijiet

"It-Telekomunikazzjonijiet huma wieħed mill-oqsma li ngħataw attenzjoni kbira mill-Gvern Soċjalista, tant illi l-Gvern waqqaf il-Korporazzjoni Telemalta biex l-iżvilupp isir iżjed b'ħeffa u effiċjenza. Għas-sena li ġejja hemm proposta nefqa ta' Lm1.5 miljuni biex tipprovdi għal aktar xiri ta' tagħmir għall-'exchanges', biex jitpoġġew cables għal 7,500 linja oħra u biex jingħataw madwar 10,000 servizz ġdid tat-telefon fi djar u negozji. **B'hekk toqrob dejjem il-ġurnata li kull dar ikollha telefon."**

## *Ilma*




**Il-mudell tar-Reverse Osmosis f'Għar Lapsi**

"Servizz ieħor importanti huwa dak tal-provvista ta' l-ilma. Għal dan il-għan qed nipprovdu s-somma ta' Lm6.7 miljuni.

"L-impjant tar-Reverse Osmosis ta' Għar Lapsi, li jibdel ilma baħar f'ilma ħelu, beda jagħti produzzjoni siewja minn Mejju 1983; b'hekk naqset il-ħtieġa tad-distillaturi ta' Malta u Għawdex li t-tħaddim tagħhom jinvolvi ħafna spejjeż. Ir-Reverse Osmosis tal-Marsa beda jaħdem f'Awissu u fi ftit żmien ikun jista' jagħti miljun gallun kuljum. Bit-tħaddim ta' dawn l-impjanti, li flimkien huma mistennija jagħtu ħames miljun gallun kuljum is-sena d-dieħla, id-distillaturi jintużaw biss jekk tinqala' xi ħtieġa straordinarja. **Hawn ikun tajjeb nfakkru li għalkemm in-natura ma tagħtiniex ilma biżżejjed f'pajjiżna, xorta waħda qed jasal għand il-konsumatur bi prezz anqas milli jiswa. Għaldaqstant, jeħtieġ li nrawmu kuxjenza nazzjonali ħalli l-poplu kollu jieħu ħsieb jara li l-ilma ma jinħeliex u jiġi wżat biss għal dak li hu meħtieġ.**"

## *Servizzi Soċjali*

"Il-benefiċċji taħt l-Iskema tas-Sigurtà Soċjali huma mistennija li jilħqu Lm52.6 miljuni fl-1984, waqt li l-infiq tal-Ministeru tax-Xogħol u Servizzi Soċjali mistenni li jilħaq Lm30.5 miljuni. Il-parti l-kbira ta' din is-somma ta' l-aħħar, tmur għall-ħlas tal-kontribuzzjoni ta' l-Istat taħt l-Iskema tas-Sigurtà Nazzjonali (Lm17.2 miljuni) u għall-pensjonijiet tax-xjuħ mhux kontributorji, għajnuna soċjali u l-bonus annwali lil dawk li jieħdu dawn il-benefiċċji (Lm11-il miljun). **Minkejja l-fatt li f'ħafna pajjiżi tad-dinja ttieħdu miżuri ebsin biex jitnaqqsu l-benefiċċji soċjali, il-Gvern Malti stinka biex ma jkollux għalfejn jieħu passi bħal dawn. Il-ħaddiem Malti żamm dak kollu li akkwista fi żmien l-Amministrazzjonijiet Soċjalisti.**"

### ŻIDIET LIL PENSJONANTI ROMOL

"Ir-romol minn dejjem kienu għal qalb il-Gvern Soċjalista Malti; u għalhekk, malli nħolqot l-iskema tal-pensjoni taż-żewġ terzi għal min jirtira bl-età minn fuq il-post tax-xogħol il-Gvern kien diġà beda jaħseb li lir-romol idaħħalhom f'din l-istess skema. Kien għalhekk illi l-ewwel passi li ttieħdu kienu li dawk ir-romol ta' 'l fuq minn 60 sena li żwieġhom ikunu għalqu l-61 sena **wara** l-21 ta' Jannar 1979, u għalhekk ikunu bdew jikkontribwixxu fl-iskema skond il-paga tagħhom, jibdew igawdu huma wkoll mill-iskema taż-żewġ terzi billi, wara l-mewt ta' żwieġhom, jirċievu bħala pensjoni tar-romol 2/3 taż-

2/3 (jiġifieri 4 minn kull 9) tal-paga ta' żwieġhom. Għal dawk li żwieġhom kienu rtiraw qabel it-22 ta' Jannar 1979 ittieħdu l-passi meħtieġa sabiex dawn igawdu minn żieda barranija ħalli b'hekk, bil-mod il-mod, jaslu huma wkoll biex jibbenefikaw minn din l-iskema.

"Issa l-Gvern ħass li għandu jmidd pass ieħor lejn it-tisħiħ ta' din l-iskema tal-pensjoni għar-romol speċjalment dawk li żwieġhom mietu wara li kienu kkwalifikaw għall-pensjoni taħt din l-iskema l-ġdida.

"Għaldaqstant u għal dan il-għan, għas-sena li ġejja qegħdin nipproponu li r-rata ta' 4/9 bażata fuq l-iskema taż-żewġ terzi għar-romol ta' 'l fuq minn 60 sena tiżdied u tikber għal 5/9. Bis-saħħa ta' din il-miżura, għal kull Lm9 paga li kellu raġel miżżewweġ l-armla tiegħu ser tirċievi żieda ta' Lm1 fil-pensjoni tagħha tas-Sigurtà Soċjali sakemm ma taqbiżx il-5/9 tal-paga li kellu żewġha, basta żewġha kien iħallas regolarment il-kontribuzzjoni tas-Sigurtà Soċjali.

"Naturalment, dawk li żwieġhom ma ħallsux regolarment il-kontribuzzjoni tas-Sigurtà Soċjali jieħdu ż-żieda skond il-kontribuzzjonijiet li kienu ħallsu żwieġhom.

"Għal dawk li żwieġhom ma kinux laħqu ħallsu l-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali bis-sistema l-ġdida għaliex kienu laħqu għalqu l-61 sena qabel it-22 ta' Jannar 1979, dawn din is-sena ser inżidulhom il-pensjoni tagħhom b'Lm1 fil-ġimgħa, bil-għan li bil-mod inġibuhom bħall-oħrajn, jiġifieri jieħdu 5/9 tal-pensjoni ta' żwieġhom, liema żieda tista' tonqos xi ftit minħabba xi nuqqas fil-kontribuzzjoni ta' żwieġhom.

"Bħala riżultat ta' dawn il-miżuri ser jingħalaq xi ftit il-'gap' li hemm bejn pensjoni li titħallas lil armla ta' taħt is-60 sena u dik ta' 'l fuq minn 60 sena.

"Huwa stmat li għas-sena 1984 din iż-żieda ser tiswa lill-Gvern madwar Lm350,000.

**"B'hekk f'dan il-qasam tas-servizzi soċjali — fejn dejjem speċjalizza l-Gvern Soċjalista — ser inġibu l-uniformità biex il-ħaqq jispikka flimkien mal-ħajr għal dawk li ma jifilħux jaħdmu aktar."**

## *Djar*

"Lm1.9 miljuni ser jintefqu fuq bini ta' djar u għajnuna lil sidien ta' 'plots'. Parti mill-ispiża fuq il-programm ta' bini se tagħmel tajjeb għaliha l-Awtorità tad-Djar mid-dħul tagħha minn bejgħ ta' bini mgħoddi lilha mill-Gvern. Dan il-programm jinkludi bdil tal-bini li ħallew is-servizzi fl-Imtarfa fi djar għal poplu. Dan il-post qed jissejjaħ Belt il-Ġmiel. Minbarra dan se jitlesta x-xogħol li għad fadal f'numru ta' flats fiż-Żejtun, kif ukoll ħwienet, garaxxijiet u xogħlijiet ta' 'landscaping'.

"F'għadd ta' nħawi, bħal Belt, Qormi, B'Kara, Furjana, Birgu u ż-Żurrieq, ser jitwaqqa' bini qadim ħafna biex floku jitilgħu flats moderni, u, fejn hu possibbli, jittejjeb bini li sa issa ma fihx il-kumditajiet kollha meħtieġa.

"Fejn ingħataw 'plots' taħt il-'Home Ownership Scheme' il-Gvern qed ilesti t-triqat u jgħaddi l-'mains' ta' l-ilma u d-drenaġġ, kollox spejjeż tiegħu. Fuq kollox, il-Gvern, permezz ta' l-Awtorità tad-Djar, għadu jagħti 'plots' u jbiegħ djar u flats b'irħis. Tajjeb li ngħid hawn kif il-Gvern qed igħin lil dawk li jrid ikollhom dar tagħhom, kemm jekk jieħdu 'plot', kemm jekk jixtru dar jew flat.

**"Il-Gvern jissussidja l-bejgħ ta' dawn il-flats u djar kif ukoll l-għoti ta' 'plots' billi daħal hu biex Lohombus jislef il-flus mhux bit-8%, ir-rata kummerċjali, imma bis-6½%, jiġifieri 1½% anqas.**

"Barra dan, il-Gvern permezz ta' l-Awtorità tad-Djar joħroġ hu parti mill-imgħax skond il-Qligħ ta' min jissellef. Fil-fatt għadd kbir minn dawk li jissellfu ma jkollhomx imgħax iżjed minn 3½%. Id-differenza jħallasha wkoll il-Gvern. Dan ifisser li min qed jissellef, minflok 8%, qed iħallas, f'ħafna każi, 3½% biss.

"Din l-għajnuna fi ħlas t'imgħaxijiet li qed tagħti l-Awtorità tad-Djar lis-sidien tal-'plots' u djar ser tiswielha, f'sena waħda biss, Lm122,000. Huwa



Victoria Housing Estate

stmat li, fuq is-self li ser isir mingħand Lohombus matul l-1984 biss minn sidien ta' 'plots' u dawk li jixtru djarhom, l-Awtorità tad-Djar ser tintrabat li tħallas sussidju t'imgħax li, f'medda ta' 25 sena sakemm jitħallas lura s-self, jilħaq madwar Lm3.4 miljuni.

"Barra dan is-sussidju li qed jingħata mill-Awtorità tad-Djar lill-istess sidien ta' 'plots' u djar, il-bejgħ jew għoti ta' 'plots' qed ikun bi prezz baxx ħafna. Dan juri kemm il-Gvern Soċjalista mhux biss attakka l-problema tan-nuqqas kbir ta' djar imma ħa l-passi meħtieġa biex kull ħaddiem ikollu l-opportunità li jakkwista fejn joqgħod.

"Miżura oħra li ħa l-Gvern għal dan il-għan kienet l-Att ta' l-1983 dwar Arei għall-Iżvilupp tal-Bini. Din il-liġi tagħmilha aktar faċli għaċ-ċittadini kollha li jakkwistaw art li fuqha jkunu jistgħu jibnu d-dar tagħhom bil-prezz li dik l-art kienet iġġib qabel ma tkun ġiet iddikjarata li tista' tingħata għall-iżvilupp. B'hekk il-Gvern Soċjalista qata' l-ispekulazzjonijiet ta' l-art u pprovda l-għodda meħtieġa biex iċ-ċittadini kollha jkollhom fejn jgħixu kif jixraq."

## *Triqat u Drenaġġ*

"Fuq bini ta' toroq qed nistennew li nonfqu Lm1.5 miljuni. Terz mill-ammont imur fuq bini u twessiegħ ta' toroq żgħar f'diversi distretti ta' Malta; madwar Lm400,000 jintefqu fuq kisi ta' triqat maġġuri bil-'bitmac'; kwart ta' miljun huwa allokat għat-twessiegħ tat-triq ta' l-Imġarr u għall-bini ta' toroq oħra f'Għawdex; hemm Lm200,000 għat-tkomplija tal-'Bypass' ta' l-Imtarfa, u l-kumplament biex jitkomplew il-'Bypass' ta' San Pawl il-Baħar, it-triq minn Naxxar għas-Salina, it-triq tal-Fossa l-Belt u triq f'Ħal-Għargħur.

"Taħt il-Vot tad-Drenaġġ qed nipproponu nfiq ta' ftit inqas minn miljun liri Maltin. Minn dan l-ammont kwart ta' miljun huwa meħtieġ għall-bini ta' 'relief sewers' f'inħawi fejn is-sistema tad-drenaġġ qdiem jew mhux ilaħħaq mal-volum minħabba l-iżvilupp fil-bini ta' djar li qiegħed isir f'dawn l-inħawi. Xogħlijiet ta' din ix-xorta huma meħtieġa f'Baħar iċ-Ċagħaq, Birkirkara, Marsa/Qormi, Mellieħa, Żejtun u Żurrieq. Il-kumplament ta' l-ispiża taħt dan il-Vot tmur f'bini ta' 'pumping stations' u l-estensjoni tad-drenaġġ fl-inħawi fejn tela' bini ġdid."

## Biedja

"Qed nipproponu nfiq ta' Lm0.3 miljun biex jitkompla l-programm ta' riklamazzjoni ta' art mogħxa f'Wied iż-Żurrieq, Għar Lapsi, l-Imtaħleb, il-Baħrija u l-Magħtab, kif ukoll biex ikomplu jinżergħu iktar siġar tal-frott u palm f'diversi nħawi.

### IMPJANT TA' SANT'ANTNIN

"Ser jitkabbar l-impjant ta' Wied il-Għajn li jsaffi d-drenaġġ u jipproduċi ilma tajjeb għat-tisqija u l-industrija. Se tiżdied il-produzzjoni tiegħu minn 2.5 miljuni sa iżjed minn 5 miljun gallun ta' ilma kuljum, u titkompla s-sistema ta' distribuzzjoni ta' dan l-ilma għal diversi nħawi."



**L-għan ewlieni ta' dan il-proġett huwa li l-bdiewa jkollhom ilma għat-tisqija u jieħdu aktar minn wiċċ wieħed mir-raba' tagħhom.**

## Computer Centre

"Insemmi wkoll s-servizzi li qed jagħti l-'Computer Centre' li waqqafna xi sentejn ilu u li għattagħmir tiegħu mill-iktar modern, infaqna 'l fuq minn Lm1 miljun. **Sa tmiem din is-sena se jkunu jagħmlu użu kontinwu minn dan iċ-Ċentru seba' Dipartimenti tal-Gvern kif ukoll il-Mid-Med Bank.**

Is-sena d-dieħla biħsiebna nkomplu noħolqu u nimplimentaw sistemi u programmi ġodda fil-Computer Centre fosthom dawk dwar il-ħlasijiet ta' kontijiet ta' l-ilma u elettriku, 'Children's Allowances', il-pagi ta' min jitħallas bil-ħmistax, il-liċenzji ta' l-importazzjoni, il-passiġġieri li jaslu u li jitilqu minn Malta u r-Reġistru Elettorali. Ix-xogħol preparatorju fuq sistemi dwar passaporti, kontijiet tat-telefon, records ta' l-Avjazzjoni Ċivili, liċenzji ta' Xandir Malta, u Stock Control fl-Istorijiet Ċentrali tal-Gvern għandu jitkompla wkoll. Barra minn dan ix-xogħol, kif diġa' għidt iċ-Ċentru se jkompli jwettaq programmi ta' taħriġ fl-aspetti tekniċi tal-Computer Systems Design u l-Programming, kif ukoll tal-Computer Auditing."

# *Enerġija*

## POWER STATION

"Fost il-proġetti li qed jitwettqu nsibu l-ewwelnett l-estensjoni tal-'Power Station' tal-Marsa fejn qed isiru xogħlijiet kbar kemm f'dak li hu mpjant kif ukoll f'bini fejn jitqiegħed l-impjant. L-iżvilupp kollu tal-pajjiż ma jitwettaqx jekk ma jkunx hemm l-enerġija meħtieġa. Bl-installar ta' 'turbine' b'kapaċità ta' 30 megawatt u 'boiler' li jaħdem bil-faħam, il-Korporazzjoni Enemalta barra li se tkabbar il-provvista ta' l-elettriku biex tlaħħaq mad-domanda, ser tiffranka, billi tuża faħam, eluf kbar ta' liri kull sena biex tiġġenera l-elettriku. Kif jidher mill-Estmi li qed nippreżentaw, il-Korporazzjoni qed tikkontribwixxi għall-ispiża meħtieġa għal dan il-proġett.

## PETROLEUM U GAS DIVISIONS

"Barra l-infiq fuq ix-xogħlijiet fil-Power Station hemm infiq ieħor ta' nofs miljun liri Maltin mill-'Petroleum Division' tal-Korporazzjoni fuq xogħlijiet fl-istallazzjoni ta' Ħal-Luqa u xiri ta' 'tankers' u pompi, kif ukoll infiq ta' mitejn elf liri Maltin mill-'Gas Division' għal xiri ta' mpjant, tagħmir u ċilindri u għat-tqegħid ta' 'pipeline' taħt il-baħar. Hawnhekk ukoll il-Korporazzjoni qed tagħmel kontribuzzjoni għall-ispiża.

# *Portijiet*

## MARSAXLOKK

"Il-Gvern qiegħed jinvesti flejjes oħra fi proġetti kbar li l-ikbar wieħed fosthom hu bla dubju l-Iżvilupp tal-Port ta' Marsaxlokk. Bix-xogħol li diġa' sar s'issa u b'nefqa ta' Lm12.3 miljuni għas-sena li ġejja, dan il-proġett se jkun mexa tant li l-ewwel moll għat-trasbord ta' merkanzija f''containers' mistenni jitlesta fl-1984 u t-tieni moll jitlesta biċċa minnu. Parti kbira mill-breakwater tkun inbniet ukoll. Il-Gvern għadu kif xtara 'dredger' biex isir it-tħammil meħtieġ għal dawn ix-xogħlijiet.

"Dal-proġett kbir diġa' qiegħed iħaddem ħafna nies, u meta jitlesta, joħloq xogħol ta' natura oħra li jiġġenera kull port kummerċjali, l-iżjed fejn hemm xogħol ta' trasbord ta' merkanzija. Parti mill-ewwel moll għandu jibda jintuża s-sena d-dieħla.

"Dan il-port huwa maħsub prinċipalment biex fih isir xogħol ta' trasbord, xogħol li huwa addattat ħafna għal pajjiżna, minħabba l-qagħda ġeografika tiegħu u r-relazzjonijiet tajba li għandna mal-pajjiżi ta' madwarna."



L-ewwel vapur jitrakka fil-port il-ġdid ta' Marsaxlokk

## IL-PORT IL-KBIR

"Fil-Port il-Kbir, qed jitkabbru mollijiet għat-tħaddim aħjar tal-Port. Għal dawn ix-xogħlijiet qed nallokaw Lm1.1 miljun. B'hekk inkunu qed inżidu l-faċilitajiet biex aktar vapuri jistgħu jħottu jew jitgħabbew f'ħin wieħed. B'hekk tikber l-effiċjenza u jiġu ffrankati ħafna flus."

## Ħażna tal-Qmuħ



Ix-xogħol fuq is-'Silos' fi stadju avvanzat

"Fil-Port il-Kbir ukoll, fuq in-naħa ta' Kordin, qed jinbnew is-'Silos' għall-ħażna tal-qmuħ u, għadu kemm ġie ffirmat kuntratt ma' ditta Ġermaniża għax-xiri u t-tqegħid ta' l-impjant meħtieġ. Nixtieq inżid li d-ditta ntrabtet fil-kuntratt li x-xogħol tat-tqegħid ta' l-impjant trid tagħmlu bi sħab ma' ntrapriża Maltija u l-Malta Shipbuilding Co. B'hekk, ħafna xogħol ser isir minn ħaddiema Maltin u, fl-istess ħin, parti kbira mill-flejjes imħallsa lid-ditta ma joħorġux mill-pajjiż. Bejn pagamenti fuq dan il-kuntratt u xogħol ta' kostruzzjoni li baqa' jsir, l-ispiża fuq il-proġett għall-1984 hija stmata li tilħaq Lm3.7 miljuni."

## Ajruport

**"Lm60,000 huma maħsuba għal tiswijiet fl-'apron' ta' l-ajruport u xogħlijiet oħra fl-'Air Terminal' ta' Ħal Luqa."**

## Tarznari

"Taħt il-Vot ta' l-Iżvilupp ta' l-Industriji qed nallokaw somma ta' Lm3 mijluni għat-tlestija tat-Tarzna tal-Marsa, li issa diġa' bdiet tagħmel xi xogħol fuq bażi kummerċjali, bħalma huma l-forom tal-'caissons' għall-breakwater ta' Marsaxlokk u d-dħul fil-baċir tad-'dredger' li għadu kemm inxtara mill-Gvern. Barra dan, il-Malta Shipbuilding Company qed tagħmel xogħlijiet fuq is-Silo tal-Qmuħ. Il-Kumpanija ser taħdem dak ix-xogħol kollu ta' l-azzar bħalma huma 'hoppers', 'unloader', 'shiploader' u l-istruttura għall-'conveyors' meħtieġa għall-ħatt u t-tagħbija tal-qmuħ. Dawn ix-xogħlijiet jaqbżu t-terz tal-kuntratt mogħti lil ditta Ġermaniża għax-xiri u t-tqegħid ta' l-impjant u t-tagħmir meħtieġ. B'hekk il-ħaddiema tal-Malta Shipbuilding Company qegħdin jitrawmu biex din it-Tarzna tidħol għal xogħol dejjem akbar. **L-għan tal-Gvern hu li ż-żewġ tarznari ta' Malta jimxu id f'id kemm f'xogħol kif ukoll f'teknoloġija.**

"Is-sena d-dieħla t-tarznari tagħna flimkien bi ħsiebhom jibnu żewġ 'supply boats' għall-Gvern tar-Repubblika taċ-Ċina."

## *Investimenti oħra*

"Hemm ukoll involuta s-somma ta' **Lm1.1** miljun biex tiġi nvestita direttament f'kumpaniji: nofsha f'kumpaniji sussidjarji ta' l-Air Supplies and Catering Co. u n-nofs l-ieħor f'kumpaniji ġodda li mistennija jinħolqu matul is-sena li ġejja.

"Dan l-infieq kollu maħsub biex jagħti aktar xogħol lill-ħaddiema. Il-Vot jinkludi wkoll Lm300,000 għall-estensjonijiet ta' **fabbriki u xogħol ieħor li għandu x'jaqsam magħhom.**"



Il-Funderija f'Ħal Far

## *Kultura*

**"Taħt il-Vot tal-Mużewijiet u Monumenti Nazzjonali qed nipproponu nfiq ta' Lm100,000 għal xogħol ta' restawr f'diversi palazzi u postijiet storiċi, inkluż il-Palazz ta' Spinola, kif ukoll għattiswija tal-funtana barra Bieb il-Belt u adattar ta' bini fil-Belt għal skola tal-'Ballet'."**

## *Sport*

"Jidher ammont ta' Lm145,000 taħt il-Vot ta' l-Isport, Bini Pubbliku u Ġonna għal faċilitajiet sportivi, bini ta' ġonna u xogħlijiet oħra.

"Dawn il-faċilitajiet li l-Gvern Soċjalista ferrex ma' Malta kollha, qed ikunu ta' żvog għal ħafna ħaddiema biex iqattgħu sigħat sħaħ tal-ħin liberu tagħhom."

## *Turiżmu*

"Fil-qasam tat-turiżmu jidher ukoll li issa r-rota reġgħet bdiet iddur, u bis-saħħa tal-ħidma li saret minn kull min għandu x'jaqsam f'dan is-settur irnexxielna nżommu n-niżla li konna qbadna lejn it-tmiem tal-1981. Biżżejjed ngħid li fl-ewwel disa' xhur tal-1982 konna tlifna ftit aktar minn 174,000 turist fuq l-istess xhur tas-sena ta' qabel waqt li din is-sena tlifna biss madwar 11,000 turist. Iżda ta' min isemmi wkoll — u huwa dan li għandu jqawwilna qalbna għaż-żmien li ġej — **li wara Mejju ġew aktar turisti milli kienu ġew is-sena li għaddiet.** F'Ġunju, Lulju, Awissu u Settembru tas-sena li għaddiet ġew Malta b'kollox 242,434 turist: fl-istess xhur ta' din is-sena ġew b'kollox 252,887 — żieda ta' 10,453

turist. Settembru waħdu, per eżempju, irreġistra żieda ta' 5,774 fuq Settembrv tas-sena ta' qabel. Biex dan it-titjib ikompli fix-xhur li ġejjin, jeħtieġ li kulħadd jibqa' jagħti sehmu għax, jekk inħallu ċertu ottimiżmu żejjed jidħol ġo fina u l-kontroll fuq prezzijiet u kwalità ta' servizz nillaxkawhom inkunu qed nistiednu b'idejna l-għawġ li ninsabu ħerġin minnu u t-tagħlima li ħadna ma tkun swiet ta' xejn. Hawnhekk nixtieq ngħid li din is-sena bil-ħidma tal-Gvern flimkien mal-Bank Ċentrali operaturi ta' vjaġġi barranin ngħataw il-faċilità li jkopru sa minn 18-il xahar qabel dik il-parti tal-btala li titħallas fi flus Maltin.

"B'din is-sistema ta' 'forward cover' kemm it-turist kif ukoll l-operatur ma jitilfu xejn jekk ikun hemm xi ċaqliq tal-kambju minn dak in-nhar li t-turist jibbukkja l-btala sa meta jagħmel il-ħlas.

"Skond ftehim milħuq fl-1982 bejn il-Gvern, Air Malta u s-Settur Privat tat-Turiżmu, il-Gvern u l-Air Malta bejniethom għandhom jagħmlu kontribuzzjoni ta' Lm600,000 (Lm300,000 kull wieħed) lill-Organizzazzjoni Nazzjonali tat-Turiżmu fl-1984, filwaqt li fl-istess sena s-Settur Privat ser jikkontribwixxi Lm250,000. B'dawn il-flejjes l-Organizzazzjoni tat-Turiżmu tkompli tagħmel pubbliċità fuq programm miftiehem sabiex tissaħħaħ l-Industrija tat-Turiżmu.

**"Il-Gvern qed jagħmel il-parti tiegħu mhux biss bil-kontribuzzjonijiet imsemmija imma wkoll bit-titjib li jwettaq fis-settur infrastrutturali kif ukoll bil-passi li ħa u għadu jieħu biex jikkontrolla l-għoli tal-ħajja. Għaldaqstant jistenna li s-Settur Privat jieħu wkoll l-inizjattiva meħtieġa biex l-Industrija tat-Turiżmu timxi 'l quddiem."**

## *Id-Dmir Nazzjonali*

"Biex il-Gvern Soċjalista jkompli jaqdi dmiru lejn il-poplu Malti, jeħtieġ ukoll li fl-istess ħin kull wieħed u waħda minna jagħti sehmu wkoll lejn ġejjieni aħjar. Ilkoll kemm aħna rridu naqdu dmirna billi nżidu aktar il-produttività, inħallsu t-taxxi u nibżgħu għal pajjiżna. B'hekk mhux biss niġġeneraw ir-riżorsi meħtieġa, iżda nkunu f'qagħda aħjar li anke nżidu s-Servizzi Soċjali li rnexxielna nibnu f'dawn l-aħħar snin.

"Fissirt fil-qosor kif laqtuna l-effetti tal-maltemp ekonomiku li kellna madwarna. Spjegajt kif, bil-għaqal tagħna u b'ħidma ma taqta' xejn fl-oqsma kollha, minkejja l-għawġ kollu li kellna madwarna, żammejna sħiħ il-qafas soċjali li bnejna u saħħaħna aħna tul l-aħħar tnax-il sena.

"Tajt dettalji kif, minkejja l-problemi li kellna, investejna flus kbar fi proġetti ambizzjużi li ser jiftħulna opportunitajiet għal żieda sostanzjali fl-impiegi u fil-ġid ekonomiku, li minnu nnifsu jiġġenera aktar żvilupp fil-ġejjieni.

"Urejt ukoll biċ-ċar kif il-Gvern Soċjalista sarraf il-politika internazzjonali tiegħu f'ġid dirett għall-ekonomija ta' pajjiżna billi żewweġ il-qasam produttiv u kummerċjali ma' ħidma diplomatika kontinwa.

"Għidt li se nkomplu nrażżnu l-għoli tal-ħajja, pass pass ma' l-iffriżar tal-pagi, żewġ miżuri tewmin li bihom naraw li, filwaqt li jitjieb il-livell ta' l-għixien tal-poplu, il-ħaddiema jipproduċu b'mod kompetittiv u joħolqu wisa' għal aktar impiegi.

"Raħħasna l-ħajja — qridna l-inflazzjoni — naqqasna l-qgħad — żidna l-impiegi. Rebħiet kbar li diffiċli tiksibhom f'daqqa. Aħna rnexxielna.

"Se nkomplu nagħmlu dan kollu

- mingħajr m'aħna se nżidu t-taxxi, u dan għat-tieni sena konsekuttiva; anzi se ntaffuhom
- mingħajr m'aħna se noħolqu deficit fil-Budget, li fl-aħħar mill-aħħar ikollu jagħmel tajjeb għalih il-poplu
- mingħajr m'aħna se mmissu xejn mill-benefiċċji tas-servizzi soċjali, bħalma għamlu gvernijiet oħra fl-Ewropa, anzi aħna se ntejbuhom; mingħajr m'aħna se ngħollu l-ħajja, anzi se nkomplu nraħħsuha
- mingħajr ma kilna mir-riservi, anzi se nkattruhom

**"Dawn huma l-provi li t-triq li qbadna hija t-triq it-tajba, it-triq li ħarġitna mill-maltemp, it-triq li se tagħmel mis-sena d-dieħla — is-sena tal-qawsalla li toffri bnazzi u ġid għall-poplu kollu."**

Ippubblikat mit-Taqsima tat-Tagħrif — Stampat fl-Istamperija tal-Gvern